4 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

John Mizzi no. *versus* Petty Officer John Crowther

**Bejgħ ta' Oġġett ta' Ħadd Ieħor — Nullità — Danni — Kuntratt — Każ Fortuwitu — Art. 1422 u 1096 (2) tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-bejgħ ta' oġġett ta' ħadd ieħor huwa null.*

*Imma din in-nullità ma tistax tiġi opposta ħlief mill-kumpratur. Dan għandu dritt jeżiġi l-eżekuzzjoni tal-bejgħ, mingħajr ma l-venditur jista' jeħles mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt billi jallega n-nullità tal-bejgħ fuq il-motiv li l-ħaġa minnu mibjugħa tappartjeni lil ħadd ieħor.*

*Langas tiswa ċ-ċirkustanza li sid il-ħaġa jopponi ruħu li l-ħaġa tiġi trasferita lix-xerrej. Id-drittijiet ta' sid il-ħaġa fuq dik il-ħaġa huma biżżejjed protetti bl-azzjoni rivendikatorja.*

*Ċirkustanza li ma ġietx preveduta mill-kuntraenti u li ma tiddependix mill-volontà tagħhom tikkostitwixxi każ fortuwitu, li ma jeżentax lid-debitur mill-osservanza tal-ftehim.*

*Imma l-bejgħ ta' ħaġa ta' ħadd ieħor jagħti lok **għad-danni** fil-każ biss li x-xerrej ma kienx jaf, fil-waqt tal-ftehim, li l-ħaġa hija ta' ħadd ieħor. Jekk dan kien jafu, **allura, għalkemm** jista' jeżiġi l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, ma jistax **jitlob id-danni.***

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, peress li bi skrittura li ġġib id-data tat-3 ta' Diċembru, 1954, (dok. A), l-attur kien biegħ lill-konvenut motor-car Hillman Minx

Saloon de Luxe, bil-prezz ta' £480 u b'kondizzjonijiet oħra li jirriżultaw mill-istess kuntratt; u peress li l-konvenut, bħala parti tal-prezz miftiehem, kien obliga ruħu li jagħti lill-attur "in part exchange" il-motor car li kien qed juża hu, li hi Hillman Saloon, licence no. 1203, li għall-fini tal-prezz kienet ġiet bonarjament stmata mill-partijiet bħala tiswa £150; u peress li fl-istess skrittura kien ġie miftiehem li l-imsemmija motor car użata kellha tiġi konsenjata lill-attur fis-6 ta' Diċembru, 1954; u peress li l-konvenut ma kkonsenjax din il-karrozza fit-terminu stipulat, anki għal-kemm ġie interpellat biex jagħmel hekk; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni; talab li l-konvenut, għar-raġunijiet fuq esposti, (1) jiġi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti biex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu stabbilit mill-istess Qorti, jikkonsenja u jagħti lill-attur il-motor car Hilman Saloon, licence no. 1203, għat-termini ta' l-iskrittura hawn annessa — dokument "A", (2) u in difett ta' dan, jiġi kundannat minn dina l-Qorti li jħallas lill-attur, in linea ta' danni, dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-istess Qorti, anki, jekk hemm bżonn, permezz ta' periti nominandi. B'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lill-attur; u bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi l-motor car Hillman Saloon (licence no. 1203) mhix proprjetà ta' l-eċċipjent, u l-attur kien jaf b'dan meta ġiet iffirmata l-iskrittura tat-3 ta' Diċembru, 1954; u illi, minn meta ġiet iffirmata dik l-iskrittura, tbiddel sostanzjalment il-prezz tal-"Hillman Minx Saloon de Luxe" li kellu jixtri l-eċċipjent; u għalhekk huwa ma għandux jitqies marbut b'dik l-iskrittura;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, rigward l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, l-art. 1422 (Kod. Ċiv.) jiddisponi illi "il-bejgħ ta' ħaġa ta' ħaddieħor hu null; iżda dan il-bejgħ jista' jagħti lok għall-ħlas tad-danni, jekk ix-xerrej ma kienx jaf illi l-ħaġa kienet ta' ħadd-ieħor. Barra dan, in-nullità ta' dan il-bejgħ ma tista' qatt tiġi opposta mill-bejjiegħ". Dan il-bejgħ huwa rexxindibbli

ad istanza tax-xerrej, għaliex huwa jista' jkun suġġett għall-evizzjoni *tal-ħaġa mixtrija*, u *għalhekk huwa jista' jopponi* n-nullità tal-bejgħ jekk irid hu, u bħal fil-każi l-oħra, huwa għandu anki d-dritt jeżiġi li l-kuntratt tal-bejgħ jiġi eżegwit. "Il compratore civile di cosa altrui", marret tirritjeni l-Qorti ta' l-Appell ta' Torin fil-5 ta' April, 1923, in re "Bogliaccino vs. Traversa", "ha sempre diritto di costringere il venditore a tenere fermo il contratto, anche quando conosceva che la cosa era d'altrui" (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1459, § 163). Il-mala fede, jew ix-xjenza fil-kumpratur li *l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor, tipprekludieħ biss milli jkun* jista' jitlob ir-riżarċiment tad-danni, in forza tal-prinċipju li "qui sua culpa damnum sentit non intelligitur damnum sentire";

Illi l-attur, bl-ewwel domanda, qiegħed jeżerċita d-dritt li jinsisti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt; u għalhekk il-konvenut ma jistax, bħala venditur, jopponi n-nullità tal-bejgħ biex jeħles minn dik l-eżekuzzjoni;

Illi lanqas ma tiswa ċ-ċirkustanza li sid il-karrozza in *kwistjoni oppona ruħu li tkun trasferita lill-attur għaliex hu* ma kien qatt fil-kuntratt bejn il-kontendenti, u kwindi dan il-kuntratt għalieħ huwa "res inter alios acta", li ma tippreġudikax id-drittijiet tiegħu dominikali; huwa jinsab protett biżżejjed bl-azzjoni rivendikatorja, u ma jistax jipprevali ruħu minn nullità tal-bejgħ. Jgħid f'dan ir-rigward Francesco Ricci: "L'azione di nullità deriva dal contratto; e poichè questo ha effetto tra le parti contraenti, non già rimpetto a chi ne fu estraneo, quindi il proprietario, che *non fu parte nel contratto di vendita, non può valersi di* un'azione che da questo trae origine. D'altronde, il proprietario ha il diritto di rivendicare la cosa sua da qualunque possessore o detentore; a quale scopo, adunque, eserciterebbe l'azione di nullità quando per effetto della rivendicatoria può ottenere la restituzione della cosa propria?" (Corso di Diritto Civile, Vol. VII, no. 109, ediz. 1907);

Illi, konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli;

*Illi ugwalment insostenibbli hija t-tieni eċċezzjoni* tiegħu, għaliex, apparti li ebda prova ma saret li l-prezz tal-kar-

rozza mibjugħa mill-attur ma għadux dak li kien meta ġiet iffirmata l-iskrittura, iċ-ċirkustanza li minn dak iż-żmien 'l hawn il-konvenut sar jaf li mhux sejjer jibqa' Malta ma tistax tinfiċja l-konvenzjoni, u wisq anqas teħles lill-konvenut mill-obligi tiegħu. Dina ċ-ċirkustanza, li hija indipendenti mill-volontà taż-żewġ kontraenti, ma ġietx preveduta fil-kuntratt; u billi tikkostitwixxi każ fortuwitu (art. 1096(2) Kod. Ċiv.), tibqa' għall-konvenut bħala proprjetarju ta' dik il-karrozza;

Illi mhux kontestat li l-karrozza in kwistjoni kellha tiġi mill-konvenut konsenjata lill-attur fis-6 ta' Diċembru, 1954, u li l-istess konvenut mit-3 ta' dak ix-xahar kien aċċetta t-trasferiment favur id-ditta attriċi (fol. 13), u għarraf biħ lit-Traffic Officer skond modulu fol. 14 tal-proċess; u għalhekk huwa l-lum ma jistax jirrifjuta lill-attur il-konsenja tal-karrozza;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-ewwel domanda ta' l-attur hija sostnuta;

Illi, però, mhix ammissibbli t-tieni domanda; għaliex l-attur kien jaf, sa mill-bidu ta' l-akkordju, li l-karrozza ma kienetx proprjetà tal-konvenut; tant li r-rappreżentant tiegħu, Captain Godwin Muscat, kien issuġġerixxa lill-konvenut li jħallas f'daqqa l-bilanċ tal-prezz tagħha; u konsegwentement il-pretensjoni tad-danni tinsab prekluża mill-art. 1422 fuq ċitat;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba, billi tikkundanna lill-konvenut jikkunsinna lill-attur il-karrozza hemm deskritta fi żmien tmien tijiem mil-lum; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

U tiċħad it-tieni talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---